MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 10/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**David Portelli**

Numru 10/2010

Illum 13 ta' Mejju 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **David Portelli**, bin Roger u Antoinette Debrincat, imwieled fit-2 ta' Lulju, 1963, residenti fil-fond Cross Lanes, Triq Ghajn Ghabdun, Kercem,

Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32563(G), akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. bejn id-09/11/2000 u d-09/11/2005 bhala sid tal-fond 'Brookies Bar & Restaurant', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex u bhala persuna li fuqu huwa rregistrat il-*meter* tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' €5,923.36 ghad-detriment tal-korporazzjoni Enemalta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba, barra l-piena stabblita, tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat li l-imputat ma ressaqx provi ohra, ghajr li ta d-depozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet ser tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 92).

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difiza (*a fol.* 93).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' April 2012, xehed **Alan Chetcuti** (*Professional Executive* fir-*Revenue Protection Section* fi hdan l-Enemalta – *a fol.* 27 *et seq.*) fejn qal li fid-9 ta' Novembru 2005 kienet saret spjezzjoni u nstab *meter* irregolari kif ukoll kien hemm konnessjoni illegali mal-arbli tad-dawl tal-Enemalta peress li kien qed jittiehed dawl minnhom. Spjega li gie mqabbel il-konsum ta' qabel mal-konsum ta' wara li nbidel il-*meter* fejn bil-*meter* antik gew registrati 34 *units* ta' dawl kuljum u bil-*meter* il-gdid il-konsum tad-dawl tela' ghal 68.1 *units* ta' dawl kuljum. Jghid li fil-kalkoli taghha l-Enemalta kienet pjuttosta konservattiva u spjega li s-somma nhadmet fil-minimu li setghet tinhadem u ta r-ragunijiet ghala. Jghid: *"hawnhekk qed naraw l-istima li nhadmet, jigifieri qed nibbiljaw il-konsumatur ghall-ahhar finalment hames snin hajja tal-meter. Qed inqabblu dawk iz-zewg averages kontra xulxin u l-ammont f'euros issarraf ghal hamest'elef, tmien mija, sitta u sittin Euro u zewg centezmi (€5,866.02). Hallas depozitu minghajr pregudizzju ta' elf lira Maltin (Lm1000) jigifieri elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37c) u fadal il-bilanc, l-Enemalta qed tippretendi l-bilanc ta' tlett'elef, hames mija u tlieta u disghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€3593.98)"* (*a fol.* 28). Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "AC 1" sa "AC 4" (*a fol.* 32 *et seq.*).

In kontro-ezami, meta gie mistoqsi jghid fuq min kien registrat il-*meter* in kwistjoni fid-data li saret l-ispezzjoni, ma kienx f'pozizzjoni li jwiegeb. Jghid ukoll li jidhirlu li qatt ma kellhom laqgha mal-konsumatur ghax qatt ma kien mar ghal-laqgha li kien talab l-Inginier tal-Enemalta.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 48 *et seq.*), ezebixxa wiehed u ghoxrin (21) *invoice* li gew immarkati minn Dok. "AC 5" sa Dok. "AC 25" (*a fol.* 50 *et seq.*). Jghid li dawn huma kollha ndirizzati fuq isem l-imputat. Jghid li l-*invoices* ipprezentati minnu jirrelataw il-perijodu tal-hames snin tal-istima u ftit aktar.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' April 2012, xehed ukoll **Mario Pavia** (*Foreman* ma' l-Enemalta – *a fol.* 38 *et seq.*) fejn spjega li kien prezenti flimkien ma' Joe Vella meta fil-11 ta' Novembru 2005 marru fir-*restaurant* bl-isem ta' 'Brookies' li jinsab f'Wied Sara, Victoria. Jghid li nstabu zewg sigilli homor imbaghbsin u li kien hemm *flood light* imwahhla mal-arblu tal-Enemalta. Jghid li sar rapport l-Ghassa tal-Pulizija u saret Inkjesta Magisterjali.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' April 2012, xehed ukoll **Joseph Vella** (*Electrical Fitter* ma' l-Enemalta – *a fol.* 41 *et seq.*) fejn qal li saret spezzjoni fis-sena 2005 fl-istabbiliment 'Brookies' li jinsab fi Triq Wied Sara. Jghid li mieghu kien hemm Mario Pavia. Jghid li marru biex ibiddlu l-arlogg li kien hemm u meta beda jaqla' l-arlogg, sabu li kien hemm is-sigilli mbaghbsin. Mistoqsi jghid kemm il-sigill kien hemm hekk, wiegeb li m'ghandux idea. Mistoqsi jghid min kien hemm prezenti apparti hu u Pavia, l-ewwel jghid li kien hemm is-sid u mistoqsi min kien is-sid, wiegeb: *"Ma nafx kienx hemm il-missier jew it-tifel, ma nafx"* (*a fol.* 43). Jghid li l-missier jismu Roger u

li t-tifel jismu David. Ma ghandux idea jekk kienx hemm David jew il-missier.

In kontro-ezami jghid li hu qala' l-*cover* tal-*meter* u mbaghad kompla Mario Pavia. Ikkonferma li hekk kif inqala' l-*meter* irrizultalhom li s-sigilli kienu mbaghbsin.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, xehed **eks PS 261 Raymond Caruana** (*a fol.* 76) fejn spjega li fit-8 ta' Novembru 2005 kien ircieva rapport minn ghand Mario Pavia (tal-Enemalta) fejn qallu li in segwitu ta' spezzjoni li saret fil-post bl-isem ta' 'Brookies' li jinsab f'Victoria, Ghawdex, wara li nqala' *meter* minn postu nstab li xi sigill minnhom kien imbaghbas. Jghid li Pavia qallu wkoll li mal-faccata tal-istess post kien hemm *flood light* imwahhal mal-arblu tal-Enemalta u kkonnettjat mad-dawl tat-triq.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014, xehed l-imputat **David Portelli** (*a fol.* 85 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien cempillu missieru fejn qallu li kien rcieva nota mill-Enemalta li kienu sejrin jibdlu l-*meter* tal-'Brookies'. Jghid li f'dak iz-zmien hu (l-imputat) kien jiggestixxi r-*restaurant*. Jghid li wiehed mill-persuni tal-Enemalta li kien fuq il-post qallu biex joqghod mieghu halli jiccekkja s-sigilli u wara li ghamel hekk, dan qallu li kien sab kollox sewwa. Jghid li mbaghad l-istess persuna tal-Enemalta nfurmah li kien ser ibiddel il-*meter* u hu (l-imputat) mar fil-*bar* u ftit hin wara tal-Enemalta nfurmah li hekk kif nfetah il-*meter* nstab ras ta' vit minn gewwa. Jghid li x'hin gie msejjah, il-*meter* kien zarmat. Jghid li saret Inkjesta Magisterjali u ttiehdet stqarrija, kemm tieghu u kif ukoll ta' missieru. Spjega li minn dakinhar missieru Roger gie nieqas. Jghid li wara xi jumejn li gara l-akkadut gew infurmati mill-Enemalta li f'kaz li ma kienux ser ihallsu elf lira Maltin kienet ser

titwaqqaf il-provvizta tad-dawl. Jghid li nhargitlu rcevuta fis-sens li kien qed jigi allegat li l-*meter* kien imbaghbas.

In kontro-ezami mistoqsi jghid min kien imexxi r-*restaurant* bejn is-sena 2000 u s-sena 2005, wiegeb li kien ghad hemm missieru. Jahseb li missieru miet fis-sena 2006. Mistoqsi jghid meta beda jmexxi l-hanut hu, wiegeb: *"Ifhimni, l-papà miet f'daqqa u bhal fatta hadna over jien u hija. Ghax jien kont ix-chef u hija kien imexxi minn barra"* (*a fol.* 87). Mistoqsi jghid min kien responsabbli ghar-*restaurant* u jekk kienx missieru biss, wiegeb: *"Le. Il-famija hu"* (*a fol.* 87).

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat qieghed jigi akkuzat li kkommetta serq ta' kurrent elettriku fil-fond 'Brookies Bar & Restaurant' u dana ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta. Jinghad li, meta dakinhar tal-akkadut il-haddiema tal-Enemalta marru fil-fond in kwistjoni biex jinbidel il-*meter*, irrizulta li kien hemm zewg sigilli tal-*meter* imbaghbsin u li kien hemm *flood light* imwahhla mal-arblu tal-Enemalta. Da parte tieghu l-imputat ikkonferma li f'Novembru 2005 kien jiggestixxi r-*restaurant* in kwistjoni. Dak li trid tistabilixxi l-Qorti huwa jekk effettivament kienx l-imputat il-persuna responsabbli ghal dak misjub mill-haddiema tal-Enemalta.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata lill-imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati *oltre* kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubbju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to*

*leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti fil-kawza odjerna jirrizultaw s-segwenti:

- Jirrizulta li kien hemm differenza fil-konsum tad-dawl qabel il-*meter* gie mibdul meta mqabbel mal-konsum tad-dawl wara li l-*meter* gie mibdul.

- Meta Joseph Vella (*a fol.* 41 *et seq.*) gie mistoqsi jghid min kien hemm prezenti apparti hu u Pavia, l-ewwel jghid li kien hemm is-sid u mistoqsi jghid min kien is-sid, wiegeb: *"Ma nafx kienx hemm il-missier jew it-tifel, ma nafx"* (*a fol.* 43). Jghid li l-missier jismu Roger u li t-tifel jismu David. Ma ghandux idea jekk kienx hemm David jew il-missier.

- L-imputat jghid ukoll li filwaqt li l-ewwel gie nfurmat minn wiehed mill-persuni tal-Enemalta li qallu biex joqghod mieghu halli jiccekkja s-sigilli u wara li ghamel hekk, dan qallu li kien sab kollox sewwa, aktar tard meta nfetah il-*meter* instab li sab ras ta' vit minn gewwa u li x'hin hu gie msejjah il-*meter* kien zarmat.

- Jirrizulta li missier l-imputat miet ghall-gharrieda ghas-sena 2006 u li bejn is-sena 2000 u s-sena 2005 kien missier l-imputat li kien imexxi r-*restaurant*.

- Ir-rapport li sar fl-Ghassa tal-Pulizija ma giex ezebiet f'dawn il-proceduri.

- Minkejja li gie prodott bhala xhud eks PS 261 Raymond Caruana (*a fol.* 76) fejn spjega li huwa rcieva r-rapport minn ghand Mario Pavia rigward dak li nstab, l-okkorrenza ma gietx ezebita.

- Jirrizulta li saret Inkjesta Magisterjali u li mill-atti processwali kien hemm diversi differimenti sabiex din setghet tigi ezebita u minkejja dan, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha minghajr ma ezebiet l-Inkjesta Magisterjali.

- Il-*meter* in kwistjoni ma giex ezebiet u anqas ma jirrizulta fiex ezattament kien jikkonsisti t-tbaghbis fis-sigilli. Rigward il-konnessjoni tal-*flood light* mal-arblu tad-dawl tal-Enemalta jezistu biss riferenza minimi ghalih fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti hadet dan kollu in konsiderazzjoni tinnota li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputat seta' kien il-persuna responsabbli ghal dak misjub mill-haddiema tal-Enemalta u li jirrigwarda l-kaz odjern. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-depozizzjoni moghtija mill-imputat, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat ghall-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat David Portelli hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b’hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------